TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 82/18/F

**Mary Grace Vella**

**vs**

**Elton Garage**

Illum 10 ta' Mejju, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Mejju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija, tnejn u tmenin Ewro, u erbgħa u tletin ċenteżmi (€582.34), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li għamel l-intimat waqt li kien qed isewwilha l-karozza.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti ma dehrietx darbtejn għal żewġ seduti, minkejja li kienet notifikata bl-Avviż ta' Seduta, illi fl-opinjoni tat-Tribunal dan juri n-nuqqas ta' nteress daparte tar-rikorrenti.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi l-intimat attenda darbtejn għas-seduti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888